MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2005

Citazzjoni Numru. 91/1996/1

**Tarcisio Barbara u Pauline Barbara mizzewgin flimkien**
**Vs**
**Emanuel Azzopardi u Mary Doris Azzopardi mizzewgin flimkien, u John Bondin u Catherine Bondin mizzewgin flimkien**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-atturi ppremettew u talbu hekk:

Premess illi permezz ta’ digriet tal-Qorti tat-2 ta’ Awissu 1993 u l-hrug ta’ mandat ta’ Inibizzjoni Numru 1581/93, il-konvenuti gew inibiti milli jkomplu kull xoghol ta’ bini u kostruzzjoni fuq il-proprjeta’ ta’ l-attur, kopja annessa Dok. A;

Premess illi minkejja dan, il-konvenuti baqghu jeriggu kostruzzjonijiet u tellghu sa zewg sulari u issa qed jibnu t-tielet u dan bi ksur ta' l-ordni tal-Qorti;

Premess illi dan huwa ta' pregudizzju lill-attur u ghalhekk ghandu interess jagixxi;

Ighidu ghalhekk il-konvenuti ghaliex m'ghandhiex din Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-konvenuti ikkommettew disprezz ta' din il-Qorti;

2. tikkundannahom ghal dawk is-sanzjonijiet li jidhrilha xierqa u opportuni;

3. tordnalhom li jiddemolixxu l-bini minnhom maghmul.

Bl-ispejjez.

Il-konvenuti ngunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Preliminarjament, in-nullita tac-citazzjoni odjerna stante li mal-konvenuti kellhom jigu citati wkoll in-nisa taghhom.

2. Illi l-attur m'ghandux interess guridiku f'din l-istanza peress li huwa biegh din il-proprjeta' in kwistjoni lil terzi kif del resto jirrizulta mill-kuntratt relattiv u dan bla riserva.

3. Illi l-konvenuti ma jistghux jigu kkundannati talli kkommettew disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti stante li fit-talbiet attrici m'hemmx referenza ghal tip ta' disprezz li allegatament ikkommettew il-konvenuti.

4. Illi m'hu veru xejn li l-konvenuti ghamlu xi kostruzzjoni b'disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti.

Rat id-dikjarazzjonijet guramentati tal-partijiet u l-lista tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

Illi mill-kumpless tal-provi rrizulta nkontestat li ghal habta ta' Lulju 1993 l-konvenut Emanuel Azzopardi proprjetarju tal-plot numru 2 sitwata fuq Triq il-Gawhar f' Hal Safi beda xoghol ta' kostruzzjoni fuq din il-plot u skond l-attur Tarcisio Barbara il-konvenut waqt it-thaffir tal-pedamenti invada l-plot numru 3 proprjeta' tal-istess Barabara b' distanza ta' circa erba piedi.

Illi nonostante li Azzopardi gie imwissi verbalment mill-attur biex jiddesisti mix-xogholijiet, huwa xorta baqa' ghaddej, u konsegwentement l-attur talab, u fit-2 ta' Awissu 1993 ottjena, il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni numru 1581/93 fil-konfront taz-zewg konvenuti sabiex jiddesistu mix-xogholijiet fuq l-imsemmija plot numru 2; izda minkejja l-hrug ta' dan il-mandat, il-konvenut Azzopardi baqa' ghaddej bix-xogholijiet, u sahansitra tlesta anke t-tieni sular. Jidher li x-xogolijiet twaqqfu meta giet istitwita l-kawza odjerna.

Illi permezz ta' dawn il-proceduri l-atturi qed jitolbu li l-konvenuti jigu kundannati talli kkommettew disprezz lejn l-awtorita' ta' din il-Qorti meta, nonostante il-hrug tal-mandat fil-konfront taghhom, huma injoraw l-ordni tal-Qorti u baqghu ghaddejjin bix-xogholijiet.

Illi l-Qorti tosserva li sabiex tirnexxi l-azzjoni tal-atturi, jehtieg li jigu pprovati s-segwenti fatturi: [1] il-hrug tal-mandat ta' inibizzjoni fil-konfront taz-zewg konvenuti; [2] il-prova tan-notifika tal-konvenuti b' dan il-mandat; u [3] it-tkomplija mill-konvenuti tax-xogholijiet in kwistjoni fuq il-plot indikata fil-mandat.

Illi dwar l-ewwel fattur ma hemmx dubbju li dan jirrizulta ampjament provat. Infatti mill-atti jirrizulta li fit-2 ta' Awissu 1993 inhareg mandat ta' inibizzjoni numru 1581/93 fil-konfront tal-konvenuti Emanuel Azzopardi u

John Bondin dwar ix-xogholijiet li kienu qed isiru fuq il-plot numru tnejn [2] fuq indikata.

Illi rigward it-tieni fattur, dak relattiv ghan-notifika tal-intimati bil-hrug tal-mandat, din il-Qorti ezaminat l-atti originali tal-mandat 1581/93 minn fejn irrizulta li, ghalkemm fil-5 ta' Awissu 1993 ir-riferti tal-Marixxall kienu negattivi, fid-9 ta' Awissu 1993 il-Marixxall esekutant ghamel zewg riferti posittivi fil-konfront taz-zewg konvenuti Emanuel Azzopardi u John Bondin.

Izda minn ezami ta' dawn ir-riferti jirrizulta li, ghalkemm fil-konfront tal-konvenut Emanuel Azzopardi in-notifika hija valida stante li l-att thalla f' idejn il-mara tieghu fl-indirizz residenzjali tieghu f' Hal Safi;  fil-konfront tal-konvenut John Bondin ma jirrizultax mir-riferta li n-notifika tieghu hija valida.  Fil-fatt, mill-atti jirrizulta li dan il-konvenut joqghod <u>iz-Zurrieq</u>, u li l-indirizz moghti mill-attur, allura rikorrent, huwa "Gojja" Triq Vincenzo Dimech Zurrieq. Ghaldaqstant fil-konfront ta' dan il-konvenut l-att ma setghax jithalla fl-indirizz tal-konvenut Azzopardi f' Hal Safi u jigi kkonsjenat lil-mara ta' l-istess Emanuel Azzopardi; imma kellu jigi kkonsenjat kif jiddisponi l-Artikolu 187 [1] tal-Kap.12. Ghaldaqstant in-notifika tal-mandat fil-konfront tal-konvenut John Bondin mhijex valida fil-ligi, u ghalhekk dan il-konvenut ma jistax jinstab hati li kiser ordni tal-Qorti, li qatt ma giet notifikata lilu skond il-ligi.

Illi fil-konfront tal-konvenut Emanuel Azzopardi jirrizulta inkontestat li meta dana gie notifikat bil-mandat ta' inibizzjoni kontra tieghu, s-saqaf tal-grounfloor kien diga lest;  izda, nonostante l-ordni tal-Qorti biex  jiddesisti mix-xogholijiet huwa kompla jibni l-ewwel sular matul is-sena 1994, u waqaf milli jibni sular iehor wara li giet istitwita din il-kawza.  Dawn il-fatti ma jsibux kuntrast fil-provi.  Di fatti l-konvenut Azzopardi, ghalkemm inghata diversi opportunitajiet sabiex iressaq il-provi tieghu, huwa naqas li jaghmel dan.  F' dawn ic-cirkostanzi l-Qorti hi tal-fehma li ma hemmx dubbju li fil-konfront ta' dan il-konvenut it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha. Mill-banda l-ohra fil-konfront ta' martu l-konvenuta Doris

Azzopardi, din il-Qorti ma tirravvisa ebda disprezz, stante li ma rrizultax li din il-konvenut kienet b' xi mod involuta fix-xogholijiet.

In tema legali jigi osservat li l-Istitut tar-Rispett lejn l-awtorita' tal-Qorti huwa stabbilit mill-ligi, aktar milli bl-iskop li tigi kustodita d-dinjita' tal-Qorti, biex tigi **tutelata l-amministrazzjoni tajba tal-gustizzja**; u l-uniku interess tal-Qorti u ta' l-Imhallef hu dak li jissussisti f' kull procediment u cioe' dak li ssir gustizzja skond il-ligi. Inoltre ghandu jirrizulta car li jekk qorti tippermetti li l-ordnijiet taghha jigu injorati dan ikun ta' hsara ghall-amministrazzjoni korretta tal-gustizzja, bil-konsegwenzali pregudizzju f' certu kazijiet ghad-drittijiet tal-partijiet li jkunu nvokaw lil dik il-qorti. Ghaldaqstant jinsab ritenut fil-gurisprudenza li dan l-Istitut huwa mahsub biex jissanzjoni atti ta' disprezz bhal dawn, u l-procediment huwa ta' natura penali u jgorr mieghu sanzjonijiet u pieni. Di fatti kif jidher mill-Artikolu 998 il-persuna li allegatament tikkommetti att ta' disprezz hi kunsidrata bhala akkuzata, u l-ligi taghti s-setgha li din tista' tigi mgieghla tidher biex twiegeb ghall-akkuza. Inoltre u konformament ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, jigi osservat f' materja ta' piena, li dina ghandha skop ta' deterrent u ghandha tkun proporzjonata ghall-vjolazzjoni kemm fl-entita' kif ukoll fin-natura taghha.

Mill-premess jirrizulta car li l-konvenut Emanuel Azzopardi injora kompletament l-ordni tal-Qorti, kontenuta fil-mandat ta' inibizzjoni notifikat lilu u xorta wahda baqa' ghaddej bix-xogholijiet sa kemm bena sular shih. Dan jkkostitwixxi disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti u huwa sanzjonabbli that l-artikolu 997 tal-Kap.12

Rigward l-ewwel tlett eccezzjonijiet sollevati mill-konvenuti huma opportuni s-segwenti osservazzjonijiet. Illi l-ewwel eccezzjoni jirrizulta li dina giet sorvolata bid-digriet ta' din il-Qorti tas-7 ta' Novembru 1996.

Illi rigward l-eccezzjoni numru tnejn [2] bazata fuq l-allegata karenza tal-interess guridiku tal-atturi li jippromwovu din il kawza stante il bejgh tal-fondi kostruwiti

fuq il-plot taghhom u cioe' il-plot numru tlieta [3], il-Qorti tosserva li mill-provi jirrizulta li l-vertenza principali [li hija il-meritu ta' proceduri ohra] ezistenti bejn il-kontendenti hija l-allegata invazjoni da parti tal-konvenut f' din il-plot proprjeta' tal-atturi. Illi ghalkemm l-attur bena garage u maisonette fuq din il-plot, xorta wahda ghadu in kontestazzjoni l-ispazju ta' erba piedi li l-konvenut allegatament hadlu minnha. Inoltre, l-attur fl-affidavit tieghu jghid li l-konvenut invada wkoll il-plot numru wiehed [1] li ghadha proprjeta' tieghu, u ghalhekk zgur li ghandu interess f' dawn l-proceduri. Ma' dan, il-Qorti izzid li l-ezitu sfavorevoli ghall-attur tas-sentenza fl-ismijiet "Victor Grech vs Tarcisio Barbara" moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-27 ta' Frar 2003 u l-konsegwenzi taghha fil-konfront tal-istess attur, zgur tinnewtralizza kull argument li dana m' ghandux interess fil-proceduri odjerni, tenut kont li mill-atti u mis-sentenza precitata jidher li l-ispoll dikjarat kommess mill-attur f' dawk il-proceduri kien konsegwenza tal-invazjoni tal-konvenut fil-plot tieghu. Ghalhekk il-premessa tal-attur fl-att tac-citazzjoni li l-ksur tal-ordni ta' inibizzjoni da parti tal-konvenuti "huwa ta' pregudizzju lill-attur u ghalhekk ghandu interess jagixxi", tirrizulta provata. Ghaldaqstant din l-eccezzjoni hija insostenibbli.

Illi rigward it-tielet eccezzjoni jigi rilevat li mill-att tac-citazzjoni jirrizulta car "it-tip" ta' disprezz meritu tal-kawza, u ghalhekk anke din l-eccezzjoni hija inattendibbli.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li l-ewwel zewg t-talbiet attrici, fil-konfront tal-konvenut Emanuel Azzopardi, huma sostnuti mill-provi u ghandhom jigu milqugha. Rigward it-tielet talba, il-Qorti tirrileva li din it-tip ta' mizura mhijex kontemplata fost is-sanzjonijiet kontemplati fl-Artikolu 997 tal-Kap.12 li fuqu timpernja l-azzjoni odjerna, u ghalhekk din it-talba ma tistax tigi milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Emanuel Azzopardi; u ssibu hati ta' disprezz lejn l-awtorita' tal-Qorti meta kiser l-ordni tal-Qorti moghtija fit-2 ta' Awissu 1993 u notifikata lilu fis-6 ta'

Awissu tal-istess sena; u ***tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' hames mitt lira maltin [Lm500]*** fir-Registru ta' din il-Qorti fi zmien xaharejn millum u fin-nuqqas ta' tali hlas fiz-zmien moghti, l-imsemmija multa tigi konvertita fi prigunerija ghal zmien tletin [30] gurnata.[1] Tichad it-tielet talba fil-konfront tal-istess konvenut.

Fil-konfront tal-konvenuti John Bondin u Doris Azzopardi tichad it-talbiet attrici.

L-ispejjez jigu sopportati: fil-konfront tal-konvenut Emanuel Azzopardi, dawk relattivi ghal-ewwel u ghat-tieni talba attrici ghandhom jkunu a kariku tal-istess konvenut; filwaqt li l-kumplament tal-ispejjez jibqghu a kariku tal-atturi.

Il-Qorti tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tintbaghat lir-Registratur tal-Qorti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------

[1] [Art.1002 Kap.12 u 11(3) u 14 Kap.9]